# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha 26 ta’Gunju 2002**

**Avviz. numru 1090/98**

**Numru 26**

**Citadel Insurance p.l.c. surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Caroline Micallef sija bil-polza u sija bil-ligi**

**vs**

**Robert Paul Gambin**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess sojceta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u erbatax-il lira u disgha u erbghin centezmu (Lm814.49,0) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta’ periti nomiandi, bhala danni sofferti mis-socjeta’ attrici fl-incident awtomobilistiku tal-5 ta’ Ottubru 1996 fil-5p.m. fi Triq

San Anard, Zejtun bejn il-vettura numru N-4347(M) misjuqa mill-konvenut u l-karrozza numru BAB 849(M) misjuqa minn Albert Brincat u proprjeta' tal-assikurata Caroline Micallef, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Frar 1998 u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut u li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress li l-kollizjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut kif allegat fl-avviz, izda gara tort unikament tal-assigurat tas-socjeta' attrici u dana minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, dwar l-lokalita' tal-incident in esami, waqt li ssir referenza ghax-xhieda ta' PS 727 Joseph Muscat (fol 13 u 14 tal-atti) kif ukoll ghall-kopja kemm tar-rapport kemm tal-iskizz esebiti mill-istess xhud (fol 15 u 16 ibid) jidher li dan gara f'Triq San Anard vicin l-Qasam Industrijali ta' Bulebel fil-limiti taz-Zejtun.

Ikkunsidrat

Illi Albert Brincat spjega meta xehed (fol 39 sa 41 tal-istess atti) illi hu kien qed jsuq 'fuq l-inner lane' (tax-xellug) avolja jinghad li ma jidhirx li n-naha tat-triq in kwistjoni fejn kienu qed jinsaqu, fl-istess direzzjoni, l-vetturi involuti hi maqsuma f'zewg 'lanes' permezz ta' xi tip ta' linja medjana. Hu kompla jghid li quddiemu 'fuq l-outside lane, fuq il-lemin tieghu' kien ra vettura ohra, dik misjuqa mill-konvenut. Hawnhekk il-konvenut, skond ix-xhud, kiser f'daqqa lejn ix-xellug u b'hekk (l-istess vettura) 'inblukkatli t-triq' u '…..qasmet il-lane tieghi minghajr ma xeghlet l-incidator'. Meta

gara hekk hu ghafas il-‘brake’ oltre li dar lejn ix-xellug izda laqat, kemm kemm il-vettura l-ohra fuq il-bieba tal-passiggier u xi ftit ‘il-mudguard’. In rigward l-imsemmi indicator ix-xhud jsostni li dan kien gie mixghul mill-konvenut wara li gara l-incident liema fatt, dejjem skond ix-xhud, kien gie ammess mill-konvenut fuq il-post tal-incident. Inkontro esami, x-xhud cahad li kien mghaggel minhabba li kien tard ghax-xoghol.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 43 u 44 tal-istess atti) da parti tieghu spjega li kif wasal vicin il-kantuniera tat-triq fejn jirrisjedi ‘Jiena xeghelt l-indicator minnufih’ sabiex jidhol fit-triq murija fuq l-imsemmi skizz u li kienet fuq ix-xellug tieghu deskritta minnu bhala ‘service road’ (ara z-zewg ritratti esebiti minnu a fol 45 ibid). In rigward l-istess triq fejn gara’ l-incident, hu sostna li din hi single lane. Inoltre hu semma’ li qabel dan l-incident, hu kien hares fil-mera u minnha kien ra l-karozza misjuqa minn Albert Brincat ‘meta kien ghadu l-boghod’.

Ikkunsidrat

Illi in rigward id-danni kagunati, waqt li ssir referenza ghal dak di gja dikjarat minn Albert Brincat, kif di gja premess, Mark Axiaq (fol 25 et seq ibid) esebixxa kemm is-"survey report" kemm zewg ritratti (fol 33 u 34 ibid) li juru l-hsarat fuq il-karozza assikurata mas-socjeta' attrici. In rigward il-konvenut, dan specifika (a fol 44 ibid) li l-hsarat kagunati fuq il-vettura misjuqa minnu kienu fuq il-genb tax-xellug ("tkaxkira bil-genb kollu")

Ikkunsidrat

Illi, mill-analisi tal-provi kif esposti jidher li:-

a)Albert Brincat kien qed jsuq fuq il-parti interna tax-xellug tat-triq waqt li l-konvenut kien qed jsuq quddiemu, izda fuq il-parti ta' barra tal-istess triq.

b)Hemm kontestazzjoni dwar jekk l-istess konvenut xeghelx o meno l-indicator sabiex jindika li mill-lemin tal-istess triq kien ser jmur lejn ix-xellug. In rigward dan il-punt, pero', jigi enfazizzat li dan ma hux sufficjenti f'kaz ta' manuvra li esegwixxa l-istess konvenut. Difatti, qabel ma tigi esegwita tali manuvra s-sewwieq involut jrid jaccerta ruhu li ma hemmx vettura ohra jew mal-genb tieghu tax-xellug jew, warajh, waqt li qed jinsaqu fuq in-naha

interna tat-triq.  In rigward dan, il-konvenut semma li kien hares mill-mera u kien ra lill-vettura misjuqa aminn Albert Brincat meta kien ghadu l-boghod'.  Pero dan hu kontradett mill-fatt li grat din il-kollisjoni, kif grat, billi jidher li l-konvenut qasam minn naha tal-lemin tat-triq lejn ix-xellug, waqt li warajh, fil-vicin u fuq ix-xellug tieghu kien qed jsuq Albert Brincat, liema manuvra esegwita minghajr id-debita kawtela u b'mod traskurat, kienet il-kawza immedjata ta' din il-kawza.

c)Certament, ma jidhirx li Albert Brincat kien qed jsuq b'xi velocita' eccessiva jew b'xi mod ikkontribwixxa sabiex issir il-habta in esami.

d)L-ammont ta' danni pretizi fl-avviz ma giex kontestat (ara fol 27 sa fol 33 tal-istess atti).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi ghalhekk il-konvenut ghandu jigi, unikament ritenut responsabbli tal-incident in esami minhabba dak kollu premess.

Ghal dawn il-motivi, tilqa t-talbiet attrici u;

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta' danni fl-ammont ta' Lm814.49,0; u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici is-somma ta' Lm814.49,0 bl-imghax legali mit-13 ta' Frar 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Frar 1998.

Alan Calleja
Deputat Registratur